# Prinċipji Ewlenin għall-Promozzjoni ta’ Kwalità fl-Edukazzjoni Inklużiva

## Rakkomandazzjonijiet għall-Prattika



# PRINĊIPJI EWLENIN GĦALL-PROMOZZJONI TAL-KWALITÀ FL-EDUKAZZJONI INKLUŻIVA

## Rakkomandazzjonijiet għall-Prattika

L-Aġenzija Ewropea għall-Iżvilupp ta' Edukazzjoni għal Ħtiġijiet Speċjali

L-Aġenzija Ewropea għall-Iżvilupp ta' Edukazzjoni għal Ħtiġijiet Speċjali hija organizzazzjoni indipendenti, u li tmexxi lilha nnifsha, sostnuta mill-pajjiżi membri tal-Aġenzija u l-Istituzzjonijiet Ewropej (Kummissjoni u Parlament).

L-opinjonijiet espressi f'dan id-dokument mhux neċessarjament jirrappreżentaw l-opinjonijiet uffiċjali tal-Agency, il-pajjiżi membri jew il-Kummissjoni. Il-Kummissjoni ma tistax iżżomm lilha responsabbli għal kwalunkwe użu li jista' jsir mill-informazzjoni f'dan id-dokument.

Estratti minn dan id-dokument huma permessi darba waħda ssir referenza ċara għas-sors. Dan ir-rapport għandu jiġi referenzjat kif ġej: L-Aġenzija Ewropea għall-Iżvlupp ta' Edukazzjoni għal Ħtiġijiet Speċjali (2011) *Prinċipji Ewlenin għall-Promozzjoni ta' Kwalità fl-Edukazzjoni Inklużiva – Rakkomandazzjonijiet għall-Prattika*, Odense, id-Danimarka: L-Aġenzija Ewropea għall-Iżvilupp ta' Edukazzjoni għal Ħtiġijiet Speċjali.

Ir-rapport jista' jinkiseb f'formati elettroniċi kompletament manipulabbli u f'21 lingwa biex jipprovdu aċċess aħjar għall-informazzjoni. Il-verżjonijiet elettroniċi ta' dan ir-rapport jinkisbu mill-websajt tal-Agency: www.european-agency.org

Dan ir-rapport tħejja minn:
George Borg, membru fuq il-Bord Rappreżentattiv, Malta
John Hunter, membru fuq il-Bord Rappreżentattiv, Ir-Renju Unit (l-Irlanda ta' Fuq)
Bryndis Sigurjónsdottír, il-Koordinatur Nazzjonali, l-Islanda
Simona D'Alessio, Membru tal-Istaff tal-Agency

Editjat minn Verity Donnelly, Membru tal-Istaff tal-Agency

L-istampa tal-faċċata: Daniela Demeterová, Ir-Repubblika Ċeka

ISBN: 978-87-7110-309-0 (Elettronika)   ISBN: 978-87-7110-288-8 (Ipprintjata)

© **European Agency for Development in Special Needs Education 2011**

Secretariat
Østre Stationsvej 33
DK-5000 Odense C Denmark
Tel: +45 64 41 00 20
secretariat@european-agency.org

Brussels Office
3 Avenue Palmerston
BE-1000 Brussels Belgium
Tel: +32 2 280 33 59
brussels.office@european-agency.org

**www.european-agency.org**

Education and Culture DG
Lifelong Learning Programme

Il-produzzjoni ta' dan id-dokument kienet sostnuta mid-DG tal-Edukazzjoni u Kultura tal-Kummissjoni Ewropea: http://ec.europa.eu/dgs/education_culture/index_en.htm

## IL-KONTENUT

**DAĦLA .......... 5**

**1. INTRODUZZJONI .......... 7**

1.1 Sfond tal-Kuntest .......... 7

**2. TWESSIGĦ TA' PARTEĊIPAZZJONI GĦAT-TGĦALLIEMA KOLLHA .......... 9**

3.1 Inwieġbu għall-vuċijiet tat-tgħalliema .......... 13

3.2 Parteċipazzjoni attiva tat-tgħalliema .......... 14

3.3 Attitudnijiet pożittivi tal-għalliema .......... 14

3.4 Ħiliet effettivi tal-għalliema .......... 15

3.5 Leadership viżjonarju ta' skejjel .......... 16

3.6 Servizzi interdixxiplinarji koerenti .......... 18

**4. KUMMENTI TAL-GĦELUQ .......... 19**

**5. AKTAR TAGĦRIF .......... 20**

5.1 Sorsi tal-Agency .......... 20

5.2 Sorsi oħra .......... 21

# DAĦLA

L-ewwel rapport tas-serje tal-Prinċipji Ewlenin kien imsejjes fuq ix-xogħol tal-Agency ippubblikat sal-2003. Studju ieħor tax-xogħol tal-Agency kien ippubblikat fl-2009 fid-dokument *Prinċipji Ewlenin għall-Promozzjoni tal-Kwalità fl-Edukazzjoni Inklużiva – Rakkomandazzjonijiet għall-Policy Makers.* Iż-żewġ pubblikazzjonijiet ipprovdew sinteżi ta' dak li nstab mix-xogħol tematiku tal-Agency biex isostni l-iżvilupp ta' policy inklużiva.

Fl-2007, rappreżentanti tal-Agency qablu li informazzjoni sommarja bħal din għandha tiġi prodotta fuq bażi regolari. Qablu wkoll li dan ix-xogħol għandu jmur lil hinn mill-policy biex jissintetizza wkoll il-prinċipji-qofol fil-prattika. Dan id-dokument għalhekk ra x-xogħol tal-Agency mill-2003 bil-għan li jipprovdi sommarju tal-prinċipji għal prattika inklużiva, kif evidenzjata mill-proġetti tematiċi fil-pajjiżi membri kollha. Il-lista sħiħa tad-dokumenti li sar studji fuqhom qegħdin f'Sezzjoni 5.

Dawn ir-rakkomandazzjonijiet, żviluppati mill-policy makers għal policy makers u prattikanti, jippreżentaw messaġġi ewlenin għall-prattika. Huwa ttamat li dawn, flimkien mal-pubblikazzjoni tal-2009, jgħinu lil dawk kollha li jipprovdu tmexxija fl-edukazzjoni biex jippromwovu sistema ta' edukazzjoni aktar inklużiva madwar l-Ewropa.

L-evidenza mill-pubblikazzjonijiet tematiċi tal-Agency użata biex isiru l-prinċipji tal-prattika f'dan id-dokument insibuhom f'matriċi. Din tista' tinstab, flimkien mal-informazzjoni sħiħa dwar dan ix-xogħol f': http://www.european-agency.org/agency-projects/key-principles

**Cor Meijer**

Direttur: L-Aġenzija Ewropea għall-Iżvilupp ta' Edukazzjoni għal Ħtiġijiet Speċjali

# 1. INTRODUZZJONI

Ir-rapporti tal-Prinċipji Ewlenin tal-Agency ippubblikati fl-2003 u l-2009 saħqu fuq ir-rakkomandazzjonijiet dwar aspetti ta' policy edukattiva li tidher li tkun effettiva biex issostni l-inklużjoni tat-tgħalliema (learners) b'tipi differenti ta' ħtiġijiet edukattivi speċjali (SEN) u li wkoll jagħfsu fuq il-prinċipji ta' edukazzjoni ta' kwalità għal kulħadd. Dan id-dokument jiġbor evidenza mix-xogħol tal-Agency sa mis-sena 2003, u jagħti fil-qosor il-prinċipji ewlenin għall-prattika li jidhru li huma ċruċjali biex jipprovdu sostenn ta' kwalità għal tgħalliema (learners) bi ħtiġijiet differenti f'ambjenti mainstream.

## 1.1 Sfond tal-Kuntest

Għadd ta' prinċipji gwida Ewropej u internazzjonali għal edukazzjoni inklużiva nsibuhom f': http://www.european-agency.org/agency-projects/key-principles/a-european-and-international-approach-to-inclusive-education . Għadd ta' pubblikazzjonijiet aktar riċenti jagħfsu wkoll fuq il-ħtieġa li l-iskejjel ikunu aħjar fl-edukazzjoni tat-tgħalliema (learners) kollha fil-komunitajiet tagħhom u jipprovdu l-kuntest għax-xogħol kurrenti.

Filwaqt li nibnu fuq il-*Linji-Gwida għal Inklużjoni fl-Edukazzjoni* UNESCO (2009), aktar ma jgħaddi ż-żmien wieħed qiegħed jagħraf li l-inklużjoni u l-kwalità huma reċiproki – li l-ethos inklużiv jista' jagħmel kontribuzzjoni sinifikanti għall-kwalità tal-edukazjoni għat-tgħalliema (learners) kollha. Ir-rwol ta' edukazzjoni inklużiva fl-iżvilupp ta' soċjetà aktar ġusta, ugwali u demokratika fejn id-diversità hija ċelebrata hija meqjusa wkoll li hija dejjem aktar ta' importanza. Żvilupp ta' dan it-tip jinvolvi prinċipji bħal opportunitajiet ugwali, l-eliminazzjoni tad-diskriminazzjoni u aċċess universali, u trid tagħti każ, b'mod partikolari, tal-ħtiġijiet individwali tat-tgħalliema li qegħdin f'riskju ta' esklużjoni soċjali u marġinalizzazzjoni.

Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (2009) isostni li: 'L-edukazzjoni għandha tippromwovi kompetenzi interkulturali, valuri demokratiċi u rispett għad-drittijiet fundamentali u l-ambjent, kif ukoll li tikkumbatti kull forma ta' diskriminazzjoni, tattrezza liż-żgħażagħ (nies ta' età żagħżugħa) biex jixxierku pożittivament mal-koetanji tagħhom minn ambjenti diversi' (p. 3).

Din ir-rabta hija wkoll imħabba mill-*Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-Ministri fuq id-dimensjoni soċjali tal-edukazzjoni u t-tħarriġ* (2010), li jinnutaw li s-sistemi edukattivi fl-UE għandhom jassiguraw kemm ekwità u eċċellenza u jagħrfu li t-titjib fil-ksib ta' edukazzjoni u l-kompetenzi ewlenin għal kulħadd huma kruċjali mhux biss għat-tkabbir ekonomiku u l-kompetittività imma wkoll inaqqsu l-faqar u jippromwovu l-inklużjoni soċjali.

Fid-definizzjoni tagħha ta' ekwità, il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (2006) tgħid li din: '… tidher bħala l-estent li minnu l-individwi jistgħu jieħdu vantaġġ mill-edukazzjoni u t-taħriġ, f'termini ta' opportunitajiet, aċċess, trattament u riżultati' (p. 2). L-OECD (2007) torbot l-ekwità mal-ġustizzja u tgħid li ċ-ċirkustanzi personali u soċjali m'għandhomx jostakolaw l-ilħuq tal-potenzjal edukattiv.

Il-Konvenzjoni fuq *id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabiltajiet tan-Nazzjonijiet Uniti* (2006) (UNCRPD) u b'mod partikolari l-Artiklu 24 fuq l-Edukazzjoni jadvoka wkoll edukazzjoni inklużiva u flimkien mal-protokol opzjonali kien irratifikat minn numru dejjem jikber ta' pajjiżi membri tal-Agency u l-Unjoni Ewropea (Ara: http://www.un.org/disabilities/latest.asp?id=169). L-Istrateġija tad-Diżabiltà tal-UE 2010-2020 timmira li tallinea l-policies tal-UE mal-UNCRPD.

*Ir-Rapport Dinji fuq id-Diżabiltà* (2011) jenfasizza l-importanza tat-taħriġ approprju għall-għalliema mainstream jekk huma għandhom ikunu kunfidenti u kompetenti fit-tagħlim tat-tfal bi ħtiġijiet edukattivi diversi. Ir-rapport jinnota li l-programmi tal-edukazzjoni tal-għalliema għandhom ikunu dwar attitudnijiet u valuri, u mhux biss għerf-għarfien u ħiliet.

L-inklużjoni hija aspett dibattut ħafna fost il-pajjiżi membri tal-Agency u għalkemm hemm varjazzjoni fl-approċċi li jittieħdu biex jipprovdu għall-ħtiġijiet diversi tat-tgħalliema (learners), b'mod partikolari dawk li jinħtieġu sostenn addizzjonali minħabba ħtiġijiet u diżabiltajiet edukattivi speċjali, hemm ukoll għadd ta' elementi komuni li jiffukaw fuq li jogħla l-ksib edukattivi fost it-tgħalliema (learners) kollha. Is-sezzjoni li ġejja tindika l-bażi għal prinċipji prattiċi msejsa fuq l-evidenza li joħorġu mix-xogħol tal-Agency ippreżentat f'sezzjoni 3.

# 2. TWESSIGĦ TA' PARTEĊIPAZZJONI GĦAT-TGĦALLIEMA KOLLHA

Fil-pubblikazzjoni *Prinċipji Ewlenin għall-Promozzjoni tal-Kwalità fl-Edukazzjoni Inklużiva* (2009), parteċipazzjoni wiesgħa biex tinżdied l-opportunità edukattiva għat-tgħalliema (learners) kollha kienet identifikata bħala l-prinċipju li jirbaħ fuq kollox. Dawn it-temi marbuta ma' xulxin joħorġu minn dak li kien enfasizzat:

- edukazzjoni u taħriġ fl-edukazzjoni inklużiva għall-għalliema kollha;
- kultura organizzattiva u ethos li jippromwovi l-inklużjoni;
- strutturi ta' sostenn organizzati biex isostnu l-inklużjoni;
- sistemi ta' riżorsi flessibbli li jippromwovu l-inklużjoni;
- policies li jippromwovu l-inklużjoni;
- leġiżlazzjoni li tippromwovi l-inklużjoni.

Dawn it-temi jipprovdu l-bażi għall-prinċipji tal-prattika identifikati mill-proġetti tematiċi tal-Agency u ppreżentati f'dan id-dokument. Għaldaqstant, dawn huma diskussi f'aktar dettall hawnhekk.

Kif mistqarr fl-introduzzjoni, l-inklużjoni llum tinftiehem bħala aspett ta' drittijiet umani li tikkonċerna medda usa' ta' tgħalliema (learners) minn dawk li għandhom ħtiġijiet edukattivi speċjali. Kif jgħid ir-rapport tal-Agency 2011 *Parteċipazzjoni f'Edukazzjoni Inklużiva – Qafas għall-Iżvilupp ta' Indikaturi*, ħafna tgħalliema, għalkemm preżenti fl-iskola, mhumiex parteċipanti fit-tgħallim tagħhom u jħallu l-iskola bi ftit riżultati pożittivi. Parteċipazzjoni attiva fl-aspetti kollha tal-ħajja tal-iskola hija essenzjali jekk it-tgħalliema għandhom ikomplu fl-edukazzjoni u jagħmlu dak kollu possibbli mit-tgħallim tagħhom għall-ħajja, xogħol u ċittadinanza globali.

B'referenza għal tluq mill-iskola qabel iż-żmien, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (2011) jistqarr li: 'Miżuri ta' policy li jistgħu jagħmlu d-differenza jistgħu jinkludu edukazzjoni fit-tfulija bikrija aħjar, kurrikula aġġornati, edukazzjoni ta' għalliema mtejba, metodi ta' tagħlim innovattiv, sostenn individwalizzat – b'mod partikolari għal gruppi żvantaġġjati, inklużi l-migranti u Roma – u kooperazzjoni aktar b'saħħitha mal-familji u l-komunità lokali' (p. 2). Permezz ta' sehem effettiv, l-iskejjel qegħdin ikunu dejjem aktar kapaċi li jeżerċitaw

influenza pożittiva fuq il-kundizzjonijiet li jmorru lil hinn mill-iskola, isostnu lit-tgħalliema u l-familji tagħhom.

Il-pubblikazzjonijiet riċenti tal-Agency *It-Twettiq ta' Assessjar Inklużiv* (2009) u *L-Edukazzjoni ta' Għalliema għal Skop ta' Inklużjoni madwar l-Ewropa* (2011) jinnutaw li l-għalliema jinħtieġu żmien għal riflessjoni professjonali u jistqarru li kemm l-għalliema kif ukoll it-tgħalliema jridu jiżviluppaw mind-set pożittiva, u jaraw l-isfidi u l-iżbalji bħala opportunitajiet ta' aktar tgħallim. Fl-ambjenti kollha, id-diversità għandha tiġi ċċelebrata u vvalorizzata u d-differenza tintqies bħala riżorsa għat-tgħallim. Hija ħaġa ċara li l-edukazzjoni inizjali u kontinwa tal-għalliema għandha rwol vitali x'taqdi fl-iżvilupp ta' attitudnijiet pożittivi tal-għalliema flimkien ma' għerf-għarfien u ħiliet.

Il-pubblikazzjoni *Assessjar f'Ambjenti Inklużivi* (2007) tenfasizza r-rwol kruċjali għal-leaders tal-iskejjel biex jimxu lejn edukazzjoni inklużiva. Filwaqt li l-għalliema huma leaders fil-klassijiet tagħhom li huma kapaċi li jinfluwenzaw it-tagħlim u t-tgħallim, huma ma jistgħux jiggarantixxu l-iżvilupp ta' prattika inklużiva jekk it-tim ta' tmexxija tal-iskola ma jsostnix ix-xogħol tagħhom u l-iżvilupp professjonali kontinwu. Il-leaders tal-iskejjel għandhom joħolqu l-kundizzjonijiet ta' żvilupp inklużiv permezz ta' relazzjonijiet b'saħħithom u impenn lejn il-kollaborazzjoni, il-ħidma f'tim, l-investigazzjoni u l-innovazzjoni.

F'ethos pożittiv ta' skola, it-tgħalliema jingħataw widna u attivament jiġu involuti fl-assessjar tagħhom u t-tgħallim kif muri fil-pubblikazzjoni: *Vuċijiet Żgħażagħ: Inlaħħqu mad-Diversità fl-Edukazzjoni* (2008*). Ir-Rapport Dinji fuq id-Diżabiltà* (2011) jagħfas ukoll fuq il-ħtieġa li l-vuċijiet ta' tgħalliema (learners) b'diżabiltajiet għandhom jinstemgħu. Biex dan isir, it-tgħalliema għandhom jingħataw medda ta' opportunitajiet biex jaċċessaw informazzjoni (eż. permezz ta' metodi ta' komunikazzjoni approprijati) u mbagħad jingħenu biex jipproċessaw informazzjoni, jorganizzaw ideat u jwieġbu b'modi li jagħmlu sens.

Ir-rapport tal-Agency *Assessjar f'Ambjenti Inklużivi* (2007) jissuġġerixxi li l-għalliema konsistentement jagħmluha ta' gwidi u faċilitaturi tat-tgħallim. L-assessjar isir parti integrali mill-proċess tat-tgħallim bit-tgħalliema jagħfsu fuq il-preferenzi, l-interessi u l-ostakli għat-tgħallim tagħhom. Il-pubblikazzjoni tal-Agency *Edukazzjoni Speċjali madwar l-Ewropa* (2003) u Diversità Multikulturali u Edukazzjoni għal Ħtiġijiet Speċjali (2009) tagħfas iktar fuq l-importanza ta' dawn it-tipi ta' approċji individwalizzati u r-rapport ta'

*ICTs fl-Edukazzjoni għal Persuni b'Diżabilitajiet* (2011) (pubblikazzjoni mxierka mal-UNESCO IITE) titfa' dawl fuq kif l-informazzjoni u t-teknoloġija tal-komunikazzjoni jistgħu jkunu għodda b'saħħitha biex issostni l-approċċi tat-tagħlim individwalizzati.

Sieħeb ewlieni fl-iżvilupp ta' prattika inklużiva jista' jinkludi ambjenti speċjali. Hekk kif jiżviluppaw ir-rwol tagħhom bħala riżorsi, dawn l-ambjenti jistgħu jiffaċilitaw il-bdil ta' expertise professjonali, permezz ta' nnetwerkjar u djalogu u żieda fil-kapaċità tal-iskejjel kollha biex iwieġbu għal ħtiġijiet diversi. Il-pubblikazzjoni *Edukazzjoni għal Ħtiġijiet Speċjali fl-Ewropa – Pubblikazzjoni Tematika* (2003) tissuġġerixxi li din il-prattika tista' ttejjeb is-sostenn pprovdut għat-tgħalliema kollha.

It-tgħalliema u l-familji li jiħtieġu sostenn addizzjonali għandhom ikunu kapaċi jaċċessaw pjanijiet koerenti biex jassiguraw servizzi approprijati, affordabbli u konsistenti biex jilqgħu mal-ħtiġijiet tagħhom u jiksbu riżultati pożittivi fit-tul. Kif mistqarr fid-dokument *Intervent fit-Tfulija Bikrija: Progress u Żviluppi 2005–2010* (2010) l-iskejjel u s-servizzi tas-sostenn mid-dixxiplini kollha għandhom jaħdmu f'kooperazzjoni mill-qrib biex jilħqu mal-ħtiġijiet tat-tgħalliema u l-familji tagħhom f'kull komunità lokali. Investiment fil-proviżjoni fis-snin bikrin u fis-sostenn bikri għat-tgħalliema kollha għandha tiġi indirizzata f'termini ta' żmien fit-tul. B'dan il-mod ikunu jistgħu jitnaqqsu s-servizzi meħtieġa minn tgħalliema vulnerabbli fil-ħajja aktar tard. Ir-rapport, L-*ICTs fl-Edukazzjoni għal persuni b'diżabiltajiet* 2011, jagħfas fuq l-importanza tal-involviment tal-familji fl-iżvilupp ta' għodod u approċċi għat-tgħalliema li jistgħu jintużaw fit-tgħallim u s-sitwazzjonijiet fid-dar bħala approċċju kontinwu u koordinat.

Il-paper *Inwettqu Assessjar Inklużiv* (2009) tiddeskrivi l-mixja minn xogħol multidixxiplinarju għal interdixxiplinarju li tintegra l-għerf-għarfien u l-perspettivi ta' oqsma differenti ta' expertise professjonali biex jiġu kkunsidrati 'problemi' fis-sħuħija tagħhom u jipprovdu opzjonijiet ta' sostenn aktar flessibbli. Dan l-approċċju ta' kooperazzjoni jinħtieġ kollaborazzjoni bejn is-setturi tal-policy (eż. is-servizzi soċjali u tas-saħħa) fil-livelli kollha.

Filwaqt li jingħaraf ir-rwol kritiku tal-għalliem u l-leaders tal-iskola diskussi aktar 'il fuq, il-prinċipji ewlenin ippreżentati f'dan id-dokument jibdew mill-perspettiva tat-tgħalliemi, it-tpoġġija tat-tfal u n-nies ta' età żagħżugħa fil-qalb tal-ippjanar għall-preżenza tagħhom

(aċċess u attendenza), parteċipazzjoni (fl-esperjenzi ta' tgħallim ta' kwalità) u ksib (ta' riżultati permezz ta' tisħib fil-proċessi tat-tgħallim). Dan il-mudell, li nsibu fil-*Linji-gwida għal Inklużjoni tal-UNESCO* (2005) jiġbru flimkien elementi ta' xogħol tal-Agency u jagħfas fuq il-ħtieġa li l-preżenza – fi kwalunkwe ambjent edukattiv – waħdu, mhuwiex biżżejjed. Kif saħqu delegati żgħażagħ fis-seduta tal-Parlament Ewropew li saret fi Brussell f'Novembru 2011, it-tgħalliema jinħtieġ li jkunu attivament involuti fl-assessjar tagħhom infushom u t-tgħallim u d-deċiżjonijiet kollha dwar il-futur tagħhom.

## 3. PRINĊIPJI EWLENIN FIL-PROMOZZJONI TA' PRATTIKA INKLUŻIVA

Filwaqt li l-foku tal-biċċa l-kbira tax-xogħol tal-Agency huwa fuq is-settur tal-edukazzjoni obbligatorja, dawn il-prinċipji se japplikaw għas-setturi kollha u l-fażijiet tat-tgħallim tul il-ħajja u għall-edukazzjoni formali u mhux-formali. Il-prinċipji ffukati fuq it-tgħalliemi japplikaw ugwalment għal tgħalliema li jkollhom jew ma jkollhomx diżabilitajiet, għax l-inklużjoni hija kkonċernata bil-kwalità ta' edukazzjoni għat-tgħalliema kollha.

### 3.1 Inwieġbu għall-vuċijiet tat-tgħalliema

Il-vuċijiet tat-tgħalliema u dawk tal-familja u s-sostenituri għandhom jingħataw widen għal dak li jgħidu, b'mod partikolari meta d-deċiżjonijiet li jittieħdu jaffettwaw il-ħajja tagħhom.

It-tgħalliema għandhom jiġu pprovduti bl-informazzjoni relevanti f'formats approprijati biex jgħinuhom jieħdu sehem sħiħ fid-diskussjonijiet u d-deċiżjonijiet li għandhom x'jaqsmu mal-edukazzjoni u l-ippjanar għall-futur.

It-tgħalliema għandu jkollhom vuċi fid-deċiżjonijiet li jaffettwawhom:

- fl-assessjar – jagħżlu modi differenti kif juru dak li jafu, jifhmu u jistgħu jagħmlu, ikunu involuti fid-diskussjonijiet dwar informazzjoni ta' assessjar u kif dan jista' jgħin tgħallim fil-futur;
- fil-proċess tat-tgħallim – ikollhom modi differenti fl-aċċessjar ta' informazzjoni, jagħmluh li jagħmel sens u jesprimu lilhom infushom;
- fl-ippjanar tat-tgħalliema tagħhom, jagħtu każ ta' fatturi personali;
- fil-proviżjoni tas-sostenn jegħilbu l-ostakli għat-tgħallim li ma jistigmatizzahomx jew jisseparahom mill-koetanji tagħhom;
- fil-kurrikulu – ikollhom il-kelma tagħhom f'riżultati fil-mira relevanti, bis-sens, u personalizzati; u
- fl-evalwazzjoni tar-riżultati fil-mira tat-tgħallim jassiguraw ksib edukattiv u stat ta' qagħda tajba.

## 3.2 Parteċipazzjoni attiva tat-tgħalliema

| |
|---|
| It-tgħalliema kollha huma intitolati li jkunu parteċipanti attivi fil-ħajja tal-iskola u l-komunità. |

It-tgħalliema kollha għandu jħossuhom parti mill-klassi/skola, ikunu vvalorizzati għall-kontribuzzjoni individwali li jagħmlu fil-ħajja tal-komunità. It-tgħalliema għandhom jiġu kkonsultati dwar kull sostenn addizzjonali meħtieġ biex jgħinhom jipparteċipaw fil-medda sħiħa ta’ attivitajiet jew esperjenzi offruti.

L-għalliema għandu:

- ikollhom sens ta’ appartenenza u jħossuhom siguri fl-ambjent tal-iskola;
- ikollhom opportunitjaiet ta’ kollaborazzjoni u tgħallim kooperattiv, bi gruppi ta’ koetanji flessibbli biex jiżviluppaw ħiliet soċjali u ta’ komunikazzjoni;
- ikollhom il-kisbiet tagħhom magħrufa u ċċelebrati;
- jieħdu sehem sħiħ/parzjali f’attivitajiet extra-kurrikulari u barra mill-iskola;
- jieħdu r-responsabiltà għat-tgħallim tagħhom u rwol attiv fil-proċess tat-tgħallim, isostnu aspettazzjonijiet għolja u jżidu l-indipendenza fit-tgħallim; u jagħrfu r-responsabilitajiet lejn l-oħrajn fil-klassi u l-komunità.

## 3.3 Attitudnijiet pożittivi tal-għalliema

| |
|---|
| L-għalliema kollha għandu jkollhom attitudnijiet pożittivi lejn it-tgħalliema kollha u r-rieda li jaħdmu kollaborattivament mal-kollegi tagħhom. |

L-għalliema kollha għandhom jaraw id-diversità bħala saħħa u stimulu għat-tgħallim tagħhom. Fl-edukazzjoni inizjali u kontinwa tagħhom, l-għalliema jinħtieġu esperjenzi li jiżviluppaw attitudnijiet pożittivi u valuri u jinkoraġġuhom biex ifittxu, jirriflettu u jsibu soluzzjonijiet innovattivi għal sfidi ġodda ppreżentati b’differenzi fit-tgħalliema. B’mod partikolari, l-għalliema għandhom jilqgħu b’idejhom miftuħa sostenn minn kollegi minn oqsma differenti ta’ expertise, u jaħdmu kooperattivament billi jimxu minn approċju individwali għal approċju kollettiv fix-xogħol tagħhom.

L-għalliema għandhom:

- jieħdu responsabiltà għat-tgħalliema kollha u juru fehim tal-ħtiġijiet fundamentali li huma kollha għandhom komuni bejniethom eż. li jħossuhom siguri, li jappartjenu, li jieħdu gost bil-ħin tagħhom fl-iskola u li jilħqu riżultati li jkollhom sens;
- jivvalorizzaw u juru impenn lil hinn minn medda wiesgħa ta' riżulati (outcomes) – (inklużi saħħa emozzjonali u stat ta' qagħda tajba, ħiliet soċjali) u jsostnu aspetazzjonijiet għolja għat-tgħalliema kollha;
- jagħrfu meta t-tgħalliema jkunu jinħtieġu sostenn u jirranġaw dan b'mod sensittiv bejniethom mat-tgħalliemi, mingħajr l-użu ta' lejbils potenzjalmenti restrittivi;
- ikollhom għerf-għarfien ta' medda ta' riżorsi (inklużi ICT) u l-ħiliet biex jgħinuhom li jiġu użati b'modi effettivi fil-klassi;
- ikollhom attitudni pożittiva għall-innovazzjoni u jkunu mħejjija biex ikomplu l-iżvilupp personali u professjonali tagħhom;
- jikkollaboraw ma' u jsostnu kollegi biex jirriflettu fuq prattika u jibnu għerf-għarfien u ħiliet ta' tim biex jgħinu lit-tgħalliema – (pereżempju fl-iżvilupp tas-sostenn individwali, l-istrateġiji tal-klassi u l-ippjanar tat-tranżizzjoni); u
- jikkomunikaw b'mod effettiv mat-tgħalliema, il-ġenituri u l-kollegi mill-aġenziji kollha u jsostnu prattika kollaborattiva biex it-tgħalliema kollha jibbenefikaw.

### 3.4 Ħiliet effettivi tal-għalliema

L-għalliema kollha jridu jiżviluppaw ħiliet biex ilaħħqu mal-ħtiġijiet diversi tat-tgħalliema kollha.

Fl-edukazzjoni inizjali u kontinwa tagħhom, l-għalliema għandhom ikunu mħarrġa b'ħiliet, għerf-għarfien, u fehim li jagħtuhom kunfidenza biex jittrattaw b'mod effettiv ma' medda ta' ħtiġijiet tat-tgħalliema. L-għalliema għandhom jiżviluppaw medda ta' approċji ta' assessjar u pedagoġija biex jgħinuhom jużaw dawn b'modi flessibbli biex inaqqsu l-ostakli għat-tgħallim u jgħinu fil-parteċipazzjoni u l-ksib. Għandhom jiżviluppaw razzjonal ċar għall-approċji użati, jagħrfu u jirriflettu fuq fatturi li jistgħu jimpattaw fuq it-tgħallim u l-ostakli li jista' jkun hemm.

L-għalliema għandhom:

- jassessjaw it-tgħalliema billi jużaw medda ta' approċċi li jgħinuhom juru dak li jafu, jifhmu u huma kapaċi jagħmlu b'modi varjati;
- jużaw il-feedback biex jidentifikaw u jifhmu ostakli għat-tgħallim (fiżiċi, attitudnali, organizzazzjonali) u jippjanaw mat-tgħalliema biex jasiguraw li t-tgħallim fil-futur ikun aċċessibbli, koerenti u relatat mal-ħajja tagħhom;
- jipprovdu medda ta' opportunitajiet ta' tgħallim b'għażla għat-tgħalliema kollha, f'linja ma fehma dwar intelliġenza ta' waħda multi-dimensjonali;
- jużaw medda ta' approċċi ta' tagħlim, jużaw gruppi flessibbli u jieħdu akkont tal-preferenzi tat-tgħalliema;
- jippjanaw kurrikulu relevanti li jipprovdi opportunitajiet koerenti għall-iżvilupp ta' kompetenzi ewlenin, kompetenzi krosskurrikulari u 'ingaġġ' li jagħmel sens għat-tgħalliema kollha; u
- jaħdmu mal-kollegi biex jiżviluppaw pjanijiet individwali li jassiguraw it-tħaddim ta' kull sostenn neċessarju, għajnuniet u adattazzjonijiet biex ilaħħqu mal-ħtiġijiet tat-tgħalliema.

### 3.5 Leadership viżjonarju ta' skejjel

Il-leaders tal-iskejjel għandhom jivvalorizzaw id-diversità fost l-istaff kif ukoll it-tgħalliema, jinkoraġġixxu l-kolleġġjalità u jsostnu l-innovazzjoni.

Prattika inklużiva effettiva tinħtieġ tmexxija viżjonarja fil-livelli kollha li turi valuri inklużivi u tiżviluppa ethos pożittiv u ambjent għat-tgħallim li jifforma l-bażi ta' edukazzjoni ta' kwalità. Fl-iskola kollha, il-valuri inklużivi għandhom ikunu evidenti fil-policies kollha u l-pjanijiet ta' żvilupp u murija permezz ta' relazzjonijiet ta' xogħol u prattika li huma mutwament ta' sostenn bejn il-leaders tal-iskola, l-istaff u t-tgħalliema.

Il-leaders tal-iskola għandhom:

- jistabbilixxu ethos pożittiv u kultura tat-tgħallim billi jagħmlu l-viżjoni u l-valuri inklużivi tagħhom kif ukoll il-fehmiet tagħhom espliċiti fl-aspetti kollha tal-ħajja tal-iskola;

- jassiguraw li stat ta' qagħda tajba u inklużjoni huma ċentrali għall-policies kollha u evidenti fil-prattika kollha;
- jorganizzaw skejjel b'modi li jevitaw l-illejbiljar jew l-ikkategorizzar tat-tgħalliema, eż.: iggruppjar imħallat u flessibbli ta' attivitajiet differenti;
- attivament jaħdmu biex jippromwovu strateġiji għad-differenza li jinkludu lit-tgħalliema billi jestendu dak li jkollhom għad-dispożizzjoni tagħhom fl-ambjent tat-tgħallim ta' kuljum tagħhom;
- jinkoraġġixu u jagħtu s-saħħa lill-istaff biex jiżviluppaw il-kapaċità tagħhom u l-kompetenza biex ilaħħqu mad-diversità tal-ħtiġijiet permezz ta' approċċi differenti u jikkontribwixxu l-expertise tagħhom għall-komunità tat-tgħallim tal-iskola kollha;
- isostnu l-istaff biex jirrifletti fuq il-prattika tagħhom u jsiru tgħalliema awtonomi għal tul-il-ħajja;
- jimmaniġġjaw ir-riżorsi effettivament u jassiguraw li dawn jirriflettu u jirrispettaw id-diversità tat-tgħalliema fl-iskola;
- jużaw sorsi ta' ffinanzjar b'mod kreattiv biex jassiguraw aċċess fiżiku għall-bini u sostenn approprju (inklużi aids/ICT) għat-tgħalliema kollha;
- jiżviluppaw monitoraġġ effettiv, evalwazzjoni -nifsija u evalwazzjoni ċċentrata fuq it-tgħalliemi li tagħti kas il-ksib tat-tgħalliema kollha u ta' riżultati fil-mira usa', kif ukoll akkademiċi;
- jużaw ir-riżultati għall-monitoraġġ u l-evalwazzjoni biex jgħinhom fl-ippjanar u t-titjib strateġiku biex jiżviluppaw il-kapaċità tal-iskola biex isostnu l-aħjar progress possibbli għat-tgħalliema kollha;
- jipprovdu sostenn pastorali effettiv għall-istaff kollu u jaħdmu biex itaffu pressjonijiet esterni billi jiżviluppaw razzjonal għal approċji li jsiru mill-iskola;
- jimmaniġġjaw staff speċjalista u networks interni u esterni biex jieħdu responsabiltà flimkien u jaħdmu f'seħib biex jiffaċilitaw aċċess għall-kurrikulu u attivitajiet extra-kurrikulari għat-tgħalliema kollha; u
- jikkomunikaw b'mod effettiv mal-komunità lokali, servizzi ta' sostenn interdixxiplinarju u ambjenti speċjalisti biex jassiguraw

approċju ħolistiku u kkordinat għat-tgħalliema u l-familji tagħhom li jagħrfu l-importanza li jlaħħqu ma' ħtiġijiet usa' li jtejbu t-tagħlim.

### 3.6 Servizzi interdixxiplinarji koerenti

| |
|---|
| Kull skola għandu jkollha aċċess biex issostni servizzi ta' komunità interdixxiplinarja. |

It-tfal u n-nies ta' età żagħżugħa ma jkollhomx suċċess fit-tgħallim tagħhom jekk is-saħħa bażika, il-ħtiġijiet soċjali u emozzjonali tagħhom ma jintlaħqux. Dan għandu mnejn ikun jinħtieġ sostenn għall-familji u l-kommunitajiet u jkunu jinħtieġu servizzi bħalma huma s-saħħa u s-servizzi soċjali li jikkollaboraw flimkien u jassiguraw approċju sħieħi.

Servizzi interdixxiplinarji għandhom:

- juru relazzjonijiet ta' xogħol tajjeb u komunikazzjoni effettiva bejn u ma' setturi/servizzi differenti u skejjel fil-komunità. Għandhom ikunu ta' għajnuna biex l-informazzjoni tkun maqsuma tajjeb filwaqt li jiġi pprovdut sostenn approprju u fil-ħin. Dan għandu jindirizza l-ħtiġijiet addizzjonali (bħalma huma t-terapiji u l-ħtiġijiet mediċi, is-sostenn għas-saħħa mentali eċċ.);
- għandhom jaħdmu mill-qrib ma' ġenituri u tgħalliema biex isaħħu konnessjonijiet bejn il-familji, skejjel u t-timijiet interdixxplinarji; u
- jaħdmu ma' skejjel biex jinvolvu l-istakeholders kollha, inklużi l-ambjenti/skejjel speċjali fin-networks tas-sostenn tagħhom u jagħrfu modi innovattivi kif jaqsmu l-expertise.

# 4. KUMMENTI TAL-GĦELUQ

Filwaqt li jibni fuq ix-xogħol tal-Agency u b'mod partikolari fuq il-prinċipji ewlenin li nsibu fir-rakkomandazazjonijiet tal-2009 dan id-dokument jissettja xi konsiderazzjonijiet ewlenin biex jippromwovi prattika inklużiva.

Filwaqt li jagħraf l-importanza tar-rwol tal-għalliem, il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (2006) tistqarr: 'Il-fatturi l-aktar importanti għal effiċjenza u ekwità huma l-kwalità, l-esperjenza u l-motivazzjoni tal-għalliema u t-tipi ta' pedagoġija użati. Filwaqt li jikkollaboraw mal-ġenituri u s-servizzi tal-welfare tal-istudenti, l-għalliema jista' jkollhom rwol ewlieni fl-assigurar ta' parteċipazzjoni ta' min hu l-aktar żvantaġġjat' (p. 6).

Kif d-Direttur tal-Agency Cor Meijer, waqt li kien qiegħed jitkellem fit-tnedija tar-*Rapport Dinji fuq id-Diżabiltà* (Ġunju 2011) qal: 'Nistgħu niddiskutu l-inklużjoni fuq diversi livelli, il-livell kunċettwali, il-livell ta' policy, il-livell normattiv jew ta' riċerka, imma fl-aħħar mill-aħħar huwa l-għalliem fil-klassi li jrid ilaħħaq mal-varjetà tal-istudenti fil-klassi. Huwa l-għalliem li jimplimenta l-prinċipji ta' edukazzjoni inklużiva.'

Il-prinċipji ewlenin li nsibu hawnhekk, darba waħda mmexxija b'dawk il-prinċipji indirizzati lejn il-policy makers fl-2009, għandhom isostnu għalliema u prattikanti oħra biex jiżviluppaw prattika inklużiva, u effettivament ilaħħqu ma' ħtiġijiet diversi fil-klassijiet mainstream.

## 5. AKTAR TAGĦRIF

It-tagħrif kollu rreferut f'dan id-dokument jista' jinsab fit-taqsima tal-Prinċipji Ewlenin – Prattika tal-websajt f': http://www.european-agency.org/agency-projects/key-principles

Dawn jinkludu:

– 'Matriċi' ta' evidenza mill-istudji tal-Agency li jsostnu kull wieħed mill-prinċipji ewlenin murija f'sezzjoni 3;

– Konnessjonijiet mal-pubblikazzjonijiet tal-Agency u materjal li saret referenza għalih f'dan id-dokument.

### 5.1 Sorsi tal-Agency

– *Edukazzjoni Speċjali fl-Ewropa kollha* (2003)

– *Edukazzjoni għal Ħtiġijiet Speċjali fl-Ewropa – Pubblikazzjoni Tematika* (Volum 1, 2003 u Volum 2, 2006)

– *Edukazzjoni Inklużiva u Prattika fil-Klassi fl-Edukazzjoni Sekondarja* (2005)

– *Opinjonijiet Żagħżugħa fuq Edukazzjoni ta' Ħtiġijiet Speċjali* (2005)

– *Intervent Bikri fit-Tfulija* (2005)

– *Pjanijiet Individwali ta' Tranżizzjoni* (2006)

– *Assessjar f'Ambjenti Inklużivi* (2007 u 2009)

– *Vuċijiet Żgħażagħ: Inlaħħqu mad-Diversità fl-Edukazzjoni* (2008)

– *Il-fehmiet ta' persuni żgħażagħ fuq l-edukazzjoni inklużiva: Id-Dikjarazzjoni ta' Liżbona* (2007)

– *It-Twettiq ta' Assessjar Inklużiv* (2009); *L-Assessjar għat-Tgħallim u l-Istudenti bi Ħtiġijiet Edukattivi Speċjali* (2009); *Inpoġġu l-assessjar inklużiv fil-prattika* (2009); *Ir-Rakkomandazzjonijiet ta' Ċipru fuq l-Assessjar Inklużiv* (2009)

– *L-Iżvilupp ta' sett ta' indikaturi – għal edukazzjoni inklużiva fl-Ewropa* (2009)

– *Diversità Multikulturali u Edukazzjoni għal Ħtiġijiet Speċjali* (2009)

– *Intervent fit-Tfulija Bikrija – Progress u Żviluppi 2005–2010* (2010)

- *Edukazzjoni Inklużiva fl-Azzjoni – Qafas ta' Proġett u Razzjonal* (2010)
- *L-Edukazzjoni tal-Għalliema għall-Inklużjoni – Studju tal-Letteratura* (2010)
- *ICTs fl-Edukazzjoni għal Nies b'Diżabiltajiet* (2011)
- *L-Edukazzjoni tal-għalliema għal skop ta' Inklużjoni fl-Ewropa* (2011)
- *Parteċipazzjoni fl-Edukazzjoni Inklużiva – Qafas għal Indikaturi ta' Żvilupp* (2011).

## 5.2 Sorsi oħra

Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (2006) *Komunikazzjoni mill-Kummissjoni għall -Kunsill u l-Parlament Ewropew. Effiċjenza u ekwità fl-edukazzjoni Ewropea u s-sistemi ta' taħriġ.* Brussell, 8.9.2006 COM(2006) 481 final http://ec.europa.eu/education/policies/2010/doc/comm481_en.pdf

Il-Kummissjoni tal-Kommunitajiet Ewropej (2010) *Komunikazzjoni mill-Kummissjoni tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u l-Kumitat tar-Reġjunijiet. L-Istrateġija Ewropea tad-Diżabiltà 2010–2020: Impenn imġedded għal Ewropa Ħielsa Mill-Fruntieri.* Brussell, 15.11.2010 COM (2010) 636 final http://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/LexUriServ.do?uri=COM:2010:0636:FIN:EN:PDF

Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (2009) *Konklużjonijiet tal-Kunsill tat-12 ta' Mejju 2009 fuq Qafas Strateġiku għall -Kooperazzjoni Ewropea fl-Edukazzjoni u t-Taħriġ* ('ET 2020') (2009/C 119/02) http://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/LexUriServ.do?uri=OJ:C:2009:119:0002:0010:EN:PDF

Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (2010) *Konklużjonijiet tal-Kunsill fuq id-dimensjoni soċjali tal -edukazzjoni u t-taħriġ.* 3013th Edukazzjoni, Żgħażagħ u laqgħa tal-Kunsill tal-Kultura 11/05/2010 http://www.consilium.europa.eu/uedocs/cms_Data/docs/pressdata/en/educ/114374.pdf

Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (2011) *Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill fuq ir-rwol tal-edukazzjoni u t-taħriġ fit-twettiq ta' 'L-Istrateġija Ewropa 2020'* (2011/C 70/01) http://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/LexUriServ.do?uri=OJ:C:2011:070:0001:0003:EN:PDF

Nazzjonijiet Uniti (2006) *Konvenzjoni fuq id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabiltà,* New York: In-Nazzjonijiet Uniti

L-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (2011) *Rapport Dinji fuq id-Diżabiltà*. Ġinevra, L-Isvizzera, WHO

L-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u Żvilupp Ekonomiku (2007) *L-ebda fallimenti aktar: għaxar passi lejn ekwità fl-edukazzjoni,* OECD, Pariġi

UNESCO (2005) *Linji-Gwida għal Inklużjoni: Nassiguraw Aċċess għal Edukazzjoni għal Kulħadd.* UNESCO, Pariġi

UNESCO (2009) *Linji-Gwida għal Policy ta' Inklużjoni fl-Edukazzjoni.* UNESCO, Pariġi http://unesdoc.unesco.org/Ulis/cgibin/ulis.pl?catno=177849&set=4A9F89E7_2_250&gp=1&ll=1

**MT**

L-ewwel rapport fis-serje tal-Prinċipji Ewlenin kien mibni fuq ix-xogħol tal-Agency ippubblikat sal-2003. Aktar rieżaminazzjoni fuq il-ħidma tal-Agency kienet ippubblikata fl-2009 fid-dokument *Prinċipji Ewlenin għall-Promozzjoni tal-Kwalità fl-Edukazzjoni Inklużiva – Rakkomandazzjonijiet għall-Policy Makers.*

Iż-żewġ pubblikazzjonijiet jipprovdu sintenżi ta' dak li nstab mix-xogħol tematiku tal-Agency biex isostni l-iżvilupp ta' policy għal edukazzjoni inklużiva.

It-tielet dokument fis-serje tal-Prinċipji Ewlenin għal darb'oħra jibni fuq ix-xogħol tematiku tal-Agency li sar sal-2003, imma jiffoka fuq il-Prinċipji Ewlenin għall-Prattika li jsostnu l-kwalità ta' edukazzjoni inklużiva. Dan tħejja mill-policy makers, u l-prattikanti, għall-policy makers u professjonisti li jipprovdu leadership fl-edukazzjoni. L-għan tad-dokument huwa li jipprovdihom b'sommarju tal-prinċipji tal-prattiċi ewlenin li jidhru li huma kruċjali biex jiġi pprovdut sostenn ta' kwalità għat-tgħalliema bi ħtiġijiet diversi f'ambjenti mainstream.

Huwa ttamat li dawn ir-rakkomandazzjonijiet dwar prinċipji ewlenin jipprovdu aktar sostenn fil-mixja lejn sistemi ta' edukazzjoni inklużiva fl-Ewropa.



European Agency for Development in Special Needs Education